CARMELITE INSTITUTE
MALTA

PROGRAMM

# CARMELITE INSTITUTE MALTA

2026-27

CARMELITE INSTITUTE

MALTA

Disinn u ssettjar minn P. Charló Camilleri, O.Carm. bil-canva.org
Mitbugħ minn Bonnici Press

Dan il-programm jitqassam b'xejn mill-Istitut Karmelitan u ma jistax jinbiegħ

Nota fuq l-istampi:

- L-Ikona *Kyriotissa Mother of God Icon* hi meħuda minn https://www.carmelitehermitage.org/who-are-the-hermits
- *The General Chapter at Aylesford in 1247* by Adam Kossowski hija meħuda minn https://www.thefriars.org.uk/History u rranġata bl-AI

CARMELITE INSTITUTE

MALTA

# Preżentazzjoni

Il-Programm ta' din is-sena 2026-27 se jkun qed joffri kors ta' Spiritwalità u Teoloġija Marjana Karmelitana. Matul is-sena 2026 il-Karmelu jfakkar is-775 sena tal-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu u t-t-300 sena minn meta l-Papa Benedittu XIII estenda l-Festa tal-Madonna tal-Karmnu għall-Knisja kollha. Fis-sena 2027 infakkru wkoll l-450 sena mir-ratifika tal-Papa Girgor XIII ta' dik li tissejjaħ il-Bulla Sabbatina li tmur lura għas-seklu 14. Bir-ratifika tal-Papa Girgor XIII u oħrajn li ġew warajh, il-Maġisteru tal-Knisja intervjena dwar x'għandu jiġi miżmum u x'għandu jitwarrab fit-twemmin tal-interċessjoni u l-ħarsien tal-Verġni Marija. Dan il-kors Marjan jiftaħ f'Ottubru u jibqa' sejjer sa' April.

F'Mejju jkollna wkoll irtir bejn it-28 u t-30 ta' Mejju u għal din is-sena wkoll sejrin noffru b'kollaborazzjoni mal-Fakultà tat-Teoloġija pellegrinaġġ fuq il-passi ta' Santa Tereża tat-Tfajjel Ġesù f'Lisieux u n-Normandija.

B'kollaborazzjoni mal-Jesuits' Foundation u l-Akkademja tal-Malti, l-Istitut se jkun qed jorganizza wkoll żewġ attivitajiet kulturali dwar San Ġwann tas-Salib, f'Novembru 2026, aħna u nkomplu nfakkru ċ-ċentinarji marbutin miegħu f'din is-sena.

Din is-sena wkoll taħbat il-150 waħda mit-twelid ta' P. Anastasju Cuschieri, O.Carm. L-Istitut Karmelitan se jimmarka dan l-anniversarju bit-tnedija tat-tieni volum fis-sensiela Kitbiet Miġbura.

Nistednukom bil-qalb tingħaqdu magħna f'din il-mixja u għal aktar tagħrif tistgħu tiktbulna fuq istitut@karmelitani.org

P. Charló Camilleri, O.Carm.
Direttur Eżekuttiv

**Inkiteb issa fuq**
istitut@karmelitani.org

# "Sħaba tielgħa mill-baħar"
# Kors dwar il-Marjanità Karmelitana



*Kyriotissa Mother of God Icon:https://www.carmelitehermitage.org*

minn Ottubru 2026 sa April 2027
info: https//www.istitutkarmelitan.com

# Niskopru l-Ħajja Marjana tal-Karmelu

Il-Marjanità tal-Karmelu hija waħda mill-espressjonijiet l-aktar profondi u għonja tal-esperjenza spiritwali tal-Knisja. Sa mill-bidu tiegħu, l-Ordni Karmelitan għaraf fil-Verġni Marija mhux biss il-Patruna u l-Omm tiegħu, iżda wkoll il-Mudell perfett ta' dixxipulat, ta' kontemplazzjoni u ta' ħajja mogħtija bis-sħiħ lil Alla. Il-Karmelu dejjem ħares lejn Marija bħala l-mara li tgħix fil-preżenza ta' Alla, tisma' l-Kelma tiegħu fil-qiegħ tal-qalb u twieġeb b'fedeltà sħiħa għas-sejħa tiegħu.

Dan il-kors ta' Marioloġija Karmelitana jixtieq jgħin lil min jieħdu sabiex jidħol aktar fil-fond tal-identità Marjana tal-Karmelu u jagħraf kif il-figura ta' Marija tibqa' ta' ispirazzjoni għall-ħajja Nisranija u kontemplattiva tal-lum. Bis-saħħa tat-tradizzjoni spiritwali, teoloġika u devozzjonali tal-Karmelu, il-kors jistħarreġ ir-rabta bejn Marija u l-mixja tal-grazzja, tal-kontemplazzjoni u tat-trasformazzjoni ġewwinija.

Tul il-laqgħat ser jiġu trattati temi fundamentali bħall-oriġini tal-Marjanità Karmelitana, il-figura ta' Marija bħala mara kontemplattiva u għalliema tal-ħajja ġewwinija, kif ukoll ir-rwol tagħha bħala Omm fl-ordni tal-grazzja u sieħba fil-mixja tal-fidi. Se tingħata attenzjoni wkoll lid-dommi Marjani fid-dawl tat-teoloġija tal-grazzja u t-trasformazzjoni spiritwali, filwaqt li t-tradizzjoni tal-Labtu tiġi mistħarrġa bħala sinjal ta' konsagrazzjoni, ħarsien u impenn għal ħajja evanġelika.

Il-kors joffri spazju ta' riflessjoni u formazzjoni għal dawk kollha li jixtiequ jwessgħu l-għarfien tagħhom tal-Verġni Marija bl-għajnuna tal-ispiritwalità Karmelitana, u fl-istess ħin iħallu lilha tmexxihom f'relazzjoni aktar intima ma' Kristu, fis-skiet, fit-talb u fil-fedeltà tal-ħajja ta' kuljum.

Għal aktar informazzjoni iktbilna fuq: istitut@karmelitani.org

CARMELITE INSTITUTE

MALTA

24 ta' Ottubru - L-Oriġini tal-Marjanità tal-Karmelu

28 ta' Novembru - Id-Dommi Marjani. Grazzja u Trasformazzjoni

19 ta' Diċembru - Oħtna fit-Triq tal-Fidi

30 ta' Jannar - Marija: Il-Mara Kontemplattiva

27 ta' Frar - L-Għalliema tal-Kontemplazzjoni

20 ta' Marzu - Omm fl-Ordni tal-Grazzja

24 ta' April - Il-Labtu: Konsagrazzjoni Marjana

*Kelliema:*
*Is-Sur Warren J. Borg Ebejer, TOKS*
*P. Charló Camilleri, O.Carm.*
*P. Kurt Mizzi, O. Carm.*
*P. Alexander Vella, O.Carm.*

*Post: Ċentru Spiritwalità Tereżjana, B'Kara.*
*Ħin: 9H30 - 12H30*

HEMM IL-ĦSIEB LI DAN IL-KORS JITTELLA' WKOLL GĦAWDEX. DETTALJI AKTAR 'IL QUDDIEM.

CARMELITE INSTITUTE

MALTA

Adam Kossowski, *The General Chapter at Aylesford in 1247*: https://www.thefriars.org.uk




# Kors ta' Lectio Divina: Teoloġija u Taħriġ

## NITGĦALLMU NAQRAW IL-KOTBA MQADDSA BI SPIRTU KONTEMPLATTIV

Post: Ċentru Parrokkjali Gżira,
Triq Sir William Reid, Il-Gżira.
Ħin: 6.30pm – 8.30pm

- **14 ta' Ottubru -** *Daħla għat-Taħriġ tal-Lectio*
    - P. Anthony Cilia, O.Carm.
- **18 ta' Novembru -** *L-Eżempju ta' Ġesù, il-Missirijiet tal-Knisja u t-Tradizzjoni Monastika*
    - P. Charló Camilleri, O.Carm.
- **23 ta' Diċembru -** *Scala claustralium (Gwigo ċ-Ċertożin)*
    - Dr Glen Attard
- **13 ta' Jannar -** *Dispożizzjoni u diffikultajiet*
    - Dr Glen Attard
- **17 ta' *Frar - Għajnuniet***
    - P. Charló Camilleri, O.Carm.
- **17 ta' Marzu -** *Lectio*
    - is-Sur Warren J. Borg Ebejer, TOKS
- **14 ta' April -** *Meditatio*
- **19 ta' Mejju -** *Oratio*
- **16 ta' Ġunju -** *Contemplatio*
    - P. Charló Camilleri, O. Carm.

CARMELITE INSTITUTE
MALTA

# Tnedija

9 ta' Diċembru
Fl-Oratorju tal-Ġiżwiti,
il-Belt Valletta
Fis-7pm



F'għeluq il-150 sena mit-twelid ta' Patri Anastasju Cuschieri, O.Carm. ser jiġi mitbugħ it-tieni volum mis-serje *P. Anastasju – Il-Kitbiet Miġbura.*
Dan il-volum, *Anastasju Cuschieri. Kitbiet Miġbura : Antoloġija* (Malta: Horizons, 2026), fih daħla kritika flimkien ma' għażla ta' diskorsi, kitbiet filosofiċi u artikli reliġjużi ta' Cuschieri, u jagħti ħarsa lejn il-ħsieb u l-kontribut intellettwali tiegħu. Pubblikazzjoni siewja għall-istudjużi, il-qarrejja tal-letteratura Maltija u dawk kollha interessati fil-wirt kulturali u spiritwali ta' Malta.



CARMELITE INSTITUTE

MALTA

# Pellegrinaġġ fuq il-Passi ta'

# Santa Tereża ta' Lisieux




Mit-30 ta' Marzu sal-4 ta' April 2027, il-*Carmelite Institute Malta*, b'kollaborazzjoni mal-Fakultà tat-Teoloġija u l-*YTC TRAVEL* qed itella' pellegrinaġġ ta' studju f'Lisieux. Il-programm jinkludi Irtir ta' tlett ijiem ġewwa l-*Hermitage* f'Lisieux, bi żjarat f'imkejjen marbuta ma' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù (*Les Buissonets*, il-Monasteru, Il-Katidral, il-Bażilika u ċ-Ċimiterju ta' Lisieux, kif ukoll żjarat kulturali f'*Rouen*, *Mont Saint-Michel* u postijiet oħra ta' interess.

Għal aktar informazzjoni ċempel fuq 79792040 jew ikteb fuq info@ytc.com.mt

CARMELITE INSTITUTE
MALTA

# In-Nar tal-Imħabba ta' Alla li ssaffi

## IRTIR

mit-28 sat-30 ta' Mejju
Dar tat-Talb Lunzjata

Għal aktar informazzjoni iktbilna fuq: istitut@karmelitani.org



# Il-Karmelu u l-kultura

CARMELITE INSTITUTE
MALTA

L-Akkademja tal-Malti b'kollaborazzjoni mal-Carmelite Institute Malta, ħa ttella' taħdita dwar San Ġwann tas-Salib fis-Sala Parrokkjali ta' Ta' Xbiex. Matul is-serata, diversi kelliema ser jippreżentaw aspetti differenti tal-ħajja u l-kitbiet ta' dan il-qaddis mistiku: Dr Glen Attard ser jitkellem dwar il-Kitbiet ta' San Ġwann tas-Salib, Dr Ivan Said dwar il-Kitbiet tiegħu maqlubin għall-Malti, filwaqt li l-Prof. P. Charló Camilleri, O.Carm., ser jitħaddet dwar l-isfidi u l-problematika tat-traduzzjoni tal-poeżija ta' San Ġwann tas-Salib.

Għal aktar dettalji:
istitut@karmelitani.org jew fuq: info@akkademjatalmalti.org

Meta: L-Erbgħa 11 ta' Novembru
It-taħdita tibda fis-6.00pm.

THE JESUITS' CHURCH
FOUNDATION
VALLETTA - MALTA

---

Flimkien mal-Jesuits' Church Foundation, l-Istitut Karmelitan qiegħed itella' Lejla Letterarja ddedikata lil San Ġwann tas-Salib. Il-programm jinkludi interpretazzjoni mużikali tal-poeżija ta' San Ġwann tas-Salib bil-Malti, qari magħżul mill-kitbiet tiegħu, kif ukoll taħdita dwar il-valur spiritwali u letterarju tal-opra tiegħu. Is-serata għandha l-għan li tressaq lill-pubbliku eqreb lejn il-ġmiel poetiku u mistiku ta' dan il-qaddis Karmelitan.

Meta: Il-Ħamis 26 ta' Novembru
Post: L-oratorju tal-Ġiżwiti l-Belt Valletta
Ħin: 7pm

Għal aktar dettalji:
istitut@karmelitani.org jew fuq: info@jesuitschurchfoundation.org

CARMELITE
INSTITUTE

MALTA

# CARMELITE INSTITUTE MALTA

istitut@karmelitani.org